3) Il-prinċipju li interessi minħabba ħlas tardiv jieqfu jiddekorru meta l-ammont tal-interessi akkumulati u mhux imħallsa jilħaq l-ammont prinċipali dovut (prinċipju *ne ultar alterum tantum*) huwa kontra d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2000/35?

(1) Direttiva 2000/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' Ġunju 2000, dwar il-ġlieda kontra ħlasijiet tard fi transazzjonijiet kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 226)

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fil-11 ta' Ġunju 2015 – Beca Engineering Srl vs Ministeru tal-Intern

**(Kawża C-285/15)**

(2015/C 302/19)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

### Qorti tar-rinviju

Consiglio di Stato

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Beca Engineering Srl

*Konvenut:* Ministeru tal-Intern

### Domanda preliminari

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE, tal-21 ta' Diċembru 1988, dwar l-approssimazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar il-prodotti għall-bini [1], kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' Settembru 2003 [2], tipprekludi li ċ-ċmieni għandhom "ikunu magħmula minn materjali mhux kombustibbli", bħalma tipprevedi d-dispożizzjoni li tinsab fil-Parti II tal-Ħames Parti tal-Anness IX tad-digriet leġiżlattiv Nru 152 tat-3 ta' April 2006 dwar l-"impjanti termiċi ċivili", li ma ġietx innotifikata?

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 9, p. 296.

(2) Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' Settembru 2003, li jadatta għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE id-dispożizzjonijiet dwar kumitati li jassistu lill-Kummissjoni fl-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni tagħha stabbiliti fi strumenti suġġetti għall-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat tal-KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 4, p. 447).

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fit-12 ta' Ġunju 2015 – Società LIS Srl, Società Cerutti Lorenzo Srl vs Abbanoa SpA

**(Kawża C-287/15)**

(2015/C 302/20)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

### Qorti tar-rinviju

Consiglio di Stato

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Società LIS Srl, Società Cerutti Lorenzo Srl

*Konvenuta:* Abbanoa SpA